**It-Tielet Parlament ta' EkoSkola**

**L-ewwelnet naghtikom merhba.**

**Il-Gvern sa mill-bidu emmen fil-potenzjal tal-Programm Eko Skola meta dahal biex jghin lill-ghaqda ambjentali Nature Trust biex tibda dan il-progett f'sitt skejjel fl-2002. EkoSkola tifforma parti mill-programm Eco-Schools li beda fl-1994 mill-Fondazzjoni Ghall-Edukazjoni Ambjentali u li llum jinkludi 13,000 skola minn 33 pajjiz differenti.**

**Nature Trust iddecidiet li tikkordina dan il-progett f'Malta u l-programm, li fil-bidu kellu biss 6 skejjel illum tela ghal iktar minn 50 skola, li jinkludi skejjel ta' l-istat, tal-Knisja u skejjel privati. L-ghan ahhari ta' EkoSkola huwa li jtejjeb il-kwalita tal-hajja tal-kommunitajiet fl-iskejjel billi dawn jaddottaw stili ta' hajja sostenibbli li bil-mod il-mod isir parti integrali fil-hajja ta' kuljum ta' l-iskola.**

**Il-fiducja tal-Gvern f'dan il-programm gejja mill-fatt li EkoSkola qed tipprodi lill-iskejjel li jippartecipaw opportunitajiet biex**

- **Titjieb il-kwalita tal-hajja fl-iskejjel**
- **It-tfal ikunu partecipi fid-decizjonijiet li jittiehdu**
- **It-tfal jitrawwmu f'ambjent demokratiku li jghinhom jizviluppaw il-valuri tac-cittadinanza u sabiex**
- **Jinbnew u jissodaw 'pontijiet' bejn l-iskola, il-familji u l-kommunita in generali f'dak li ghandu x'jaqsam ma' stil ta' hajja sostenibbli u li jhares l-ambejnt.**

**Il-Gvern qed jinpenja ruhu li jkompli jghin dan il-progett billi minbarra ghajnuna finanzjarja jipprovdi ghalliema li ser ikomplu jghinu lill-iskejjel involuti jikkonsolidaw l-inizjattivi taghhom f'dan ir-rigward.**

**Minn qalbi nawguralkom success u jalla iktar skejjel jissiehbu f'dan il-programm biex nizguraw futur ahjar ghall-kommunita taghna.**